MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 47/2006

Maltacom plc [C 22334]

vs

J C R Ltd.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' Maltacom plc fejn qed titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' J C R Ltd. thallasha s-somma ta' tliet mija u sittax -il lira maltin u sebgha u sebghin centesimi (Lm316.77,0), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta' LL-A-Voice (C/N 1000085), bhala hlas tal-kont bir-riferenza 40063424, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-kawza, u bl-imghaxijiet.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li tghid hekk :

"Illi l-ammont pretis ma huwiex dovut u dana stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet avzata dwar il-gholi f'tali mizati;

Illi fi kwalsiasi' kaz l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat".

Sama' il-provi li ressqu l-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Illi mhuwiex kontestat bejn il-partijiet u jirrizulta wkoll car mill-provi prodotti li :

(i) Is-socjeta' konvenuta kien talbet u ghal zmien kienet taghmel uzu minn servizz li toffri l-kumpannija attrici maghrufa bhala linja *point to point* jew ahjar bhala *leased lines analogue voice* biex tghaqqad il-fabbrika fi Triq Tal-Gruwa, Xewkija, mad-dar numru 47, Triq Sansun, Xewkija, Ghawdex;

(ii) Dan iz-zmien li nghata dan is-servizz kien ghall-perjodu bejn Ottubru 1994 u Frar 2006 meta mbaghad is-servizz kien gie mnehhi fuq talba tal-istess socjeta' konvenuta;

(iii) Il-hlas li qed jintalab mill-kumpannija attrici huwa ghal kiri ta' din il-linja ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 2004 sat-13 ta' Frar 2006, meta effettivament kien gie mnehhi dan is-servizz.

Illi s-socjeta' konvenuta tippretendi li ma thallasx l-arretrati tal-kera fl-ammont indikat fl-avviz tat-talba lill-kumpannija attrici billi jidrilha li meta kienu gew riveduti t-tariffi ghal dan is-servizz b'effett mill-1 ta' Dicembru 2004, hija ma kenitx giet avzata. It-Tribunal ma jistax iqis ix-xhieda ta'

Louis Camenzuli, impjegat mas-socjeta' konvenuta, bhala li ghandha mis-sewwa, u dan billi l-istess xhieda tieghu hija kontradetta minn ittra li kien kiteb huwa stess lis-socjeta' attrici fid-9 ta' Frar 2006 (esibita u markata dokument LC4) fejn kien iddikjara li ma jafx fic-cert jekk il-kumpannija li maghha jahdem kenitx irceviet avviz biz-zieda fit-tariffi ghaliex fil-kitba tieghu stess "*ma kienx kompitu tieghi li niftah korrispondenza*" u li "*l-persuna li kien jiehu hsieb din il-korrispondenza ma ghadux maghna, u hadt dan ix-xoghol jien. Li naf hu illi kieku kont naf b'din l-ittra konna niehdu azzjoni mill-ewwel u nwaqqfu is-servizz dak il-hin*". M'hemm ebda gustifikazzjoni ghall-kumpannija konvenuta li tirrifjuta li thallas il-ghaliex impjegat minn taghha li dak iz-zmien kien responsabbli mill-ftuh u l-ipprocessar tal-korrispondenza li kienet tircievi l-kumpannija u baqa' ma ta ebda kaz tal-avviz jew li addirittura kien injora l-avviz li kien intbaghat lilha mis-socjeta' attrici fejn l-abbonati kienu gew imgharrfa bit-tibdil fit-tariffi. Dan in-nuqqas ghandha tarah il-kumpannija konvenuta mal-impjegat taghha illi naqas, izda bl-ebda mod ma tiggustifika l-agir taghha li ma thallasx il-kera kollha li hemm b'lura li baqghet ma thallsitx.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Alison Beach, impjegata mas-socjeta' konvenuta li l-abbonati kollha kienu gew avzati biz-zieda fit-tariffi permezz ta' avviz li kien intbaghtilhom bil-posta u kienu gew ukoll ippubblikati avvizi f'zewg gazzetti ta' kulljum fejn il-pubbliku in generali kien gie mgharraf ukoll biz-zieda fit-tariffi. It-Tribunal ma jsib xejn esagerat fl-ammont li qeghdha titlob il-kumpannija attrici billi d-differenza li qed tintalab illi thallas hija dovuta ghaz-zieda fit-tariffa tal-kera ghas-servizz li kienet qed tibbenefika minnu s-socjeta' konvenuta, li kienet giet riveduta b'effett mill-1 ta' Dicembru 2004, sa meta effttivament kien tnehha s-servizz fi Frar 2006 fuq talba tal-istess kumpannija konvenuta. Dan johrog ukoll car mill-kontenut tal-ittra dokument EC4 li giet esibita mix-xhud Louis Camenzuli fejn l-ilment tieghu dak iz-zmien kien jirrigwarda biss iz-zieda fit-tariffa ta' dan is-servizz, u li skond hu, kieku kien jaf b'din iz-zieda, kien iwaqqaf is-servizz minnufih. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Alison Beach li ghalkemm ghal xi zmien il-kontijiet tal-kera

baqghu johorgu bit-tariffa l-antika, din kienet dovuta biss ghal xi problema interna tal-kumpannija sakemm giet irrettifikata is-sistema komputeraizzata, u d-differenza kienet giet imbaghad iddebitata lill-abbonat.

Illi dan kollu ma jhalli l-ebda dubbju f'mohh it-Tribunal li dak li qeghdha titlob il-kumpannija attrici f'din il-kawza ghandha jedd ghalih, u m'hemm l-ebda raguni siewja l-ghaliex it-talba taghha m'ghandhiex tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tal-kumpannija attrici u jikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u sittax il-lira maltin u seba' u sebghin centesimi (Lm316.77) ekwivalenti ghal sebgha mija u seba' u tletin Euro u seba' u tmenin censtesimi Euro [Euro 737.87], ammont dovut bhala hlas li l-kumpannija konvenuta halliet pendenti f'arretatri tal-kera ghas-servizzi ta' *leased lines analogue voice*, bl-imghax legali b'effett mid-data ta' meta gie pprezentat l-avviz tat-talba, sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess kumpannija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------